# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-4 t'Ottubru, 2018.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**Rikors Numru 423/2018**

**Avukat Donald Vella (K.I. 579782 M) kif debitament awtorizzat bhala mandatarju specjali ta' '*Freetrading Comercio International e Serviços', Sociedade Unipessoal Lda* (numru ta' registrazzjoni 511118082), socjeta` rregistrata gewwa Funchal fil-Portugall bl-indirizz Rua 31 de Janiero, 12 E, 3° K, Ilha da Madeira, Funchal (Sé) u *Lagone Investments International, S.A.* (*registered on Commercial page* 155584720 *entry* 92002351), socjeta` registrata fil-Panama bl-indirizz *Av. Nicanar, Calle 50, Ed. Plaza Credicorp Bank, piso 26, Panama***

**vs.**

**_GRUPO PEFACO S.L._ (B – 61785408) socjeta\` rregistrata fi Spanja bl-indirizz _Calle Muntaner 262, 6, Barcelona 08021_, Spanja.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat l-4 ta' Mejju, 2018, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* fuq indikat sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi din hi procedura *ai termini* tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Numru 41/2001 tat-22 ta' Dicembru, 2000;

1.2. Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' Prim'Istanza ta' Barcellona, Spanja, datata t-8 ta' Jannar, 2016, (ara foll 32 u 49), is-socjetajiet rikorrenti gew kanonizzati kredituri tas-socjeta\` fl-ammonti hemm indikati;

1.3. Illi s-socjeta\` intimata kienet opponiet is-sentenza fuq riferita izda din l-opposizzjoni kienet respinta permezz ta' sentenza ulterjuri datata s-7 ta' Gunju, 2017, (ara foll 82 u 98);

1.4. Illi a bazi tal-artiklu 41 tar-Regolamenti fuq riferiti sentenza ghandha tigi ezegwibbli immedjatament mat-twettieq tal-formalitajiet;

1.5. Illi r-rikorrenti *nomine* ghandu interess jezegwixxi s-sentenza in dizamina *stante* li din ghandha assi f'Malta li jistghu jissodisfaw il-kreditu *de quo*;

1.6. Illi in vista tal-premess aderiet din il-qorti biex din:

1.6.1. Tirrikonoxxi s-sentenza tas-suddetta qorti Spanjola datata t-8 ta' Jannar, 2016;

1.6.2. Tiddikjara ezegwibbli l-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti;

1.6.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta\` intimata;

Ikkunsidrat:

2. Illi minn ezami tad-dokumenti *in atti* jirrizulta assodat li r-rikorrenti *nomine* hu fil-pussess ta' prokura specjali datata l-11 t'April, 2018, biex jagixxi f'isem u ghan-nom u in rapprezentanza tal-mandant tieghu u tas-socjeta` li dan jirraprezenta, (ara foll 30);

Ikkunsidrat:

3.0. Illi minn ezami tal-atti in kwistjoni jirrizulta sintetikament is-segwenti:

3.1. Illi permezz ta' sentenza tal-qorti Spanjola fuq riferita datata t-8 ta' Jannar, 2016, is-socjetajiet rikorrenti gew kanonizzati kredituri tas-socjeta` intimata, (ara foll 32 u 49);

3.2. Illi l-istess sentenza giet rikonfermata b'decizjoni datata s-7 ta' Gunju, 2017, (ara foll 82 u 98);

3.3. Illi s-sentenza citata fil-paragrafu immedjatament qabel dak precedenti hi ezegwibbli fi Spanja;

3.4. Illi r-rikorrenti *nomine* ghandu interess li jezegwixxi l-istess sentenza lokalment *stante* li jirrizultalu li s-socjeta` intimata ghandha assi f'Malta;

Ikkunsidrat:

4. Illi *ai termini* tal-artiklu 40 tar-Regolament 44/2001 EC datat it-22 ta' Dicembru, 2000, id-dokumenti indikati fl-artiklu 53 tal-istess Regolament ghandhom ikunu annessi mar-rikors promotur in dizamina;

5. Illi sodisfatt dan, l-istess rikors promotur ghandu jkun dikjarat ezegwibbli immedjatament mat-twettieq tal-formalitajiet kemm indikati;

Ikkunsidrat:

6. Illi permezz tal-verbal taghha datat l-20 ta' Gunju, 2018, (ara foll 148), l-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` intimata iddikjarat li l-istess socjeta` giet depilament notifikata bir-rikors promotur u bl-avviz ghas-smigh, u li in vista tal-istess kienet qed tirrimetti ruhha;

7. Illi ezaminati l-atti, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* ezegwixxa l-obbligi processwali kollha skont il-ligi;

8. Illi in konsegwenza tal-istess, tiddikjara li l-provi prodotti mill-istess rikorrenti *nomine* huma prova effettiva tat-talbiet tar-rikorrenti kif fuq elenkati;

9.0. Illi in vista tal-premess:

**DECIDE:**

9.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti *nomine*;

9.2. Tiddikjara li s-sentenza fuq riferita tal-Qorti Spanjola datata t-8 ta' Jannar, 2016, qed tigi rikonoxxuta f'Malta;

9.3. Tiddikjara li l-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti hi wkoll ezegwibbli f'Malta;

9.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` intimata *Grupo Pefaco S.L.*

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**